## L-ERBAT IŻMNA

*L-wriežaq mohbijin ġos-siġar*
*żinżinn-iżanżnu il-jum kollu;*
*il-gremxul aħdar imxabbat mal-hitan jilghaq ix-xemx;*
*it-trab tat-triqat bojod*
*sħun taht saqajk:*
*l-asfalt jirtab*
*u fil-boghod donnok tara kollox minn-ġol fwar jitharrek:*
*il-bahar ileqq jistieden għall-għawm.*
*It-tfal imqarba jiġru ġol-imnadar jisirqu l-frott.*
*Il-festi tal-irhula waħda wara l-ohra*
*bl-isparar u d-daqq ta' qniepen*
*u ż-żanżin tal-ħbies u t-tiżjin tad-deheb ...*
*u l-uċuh ġodda w hafna nies*
*uċuh ġodda, bosta nies u mħabba.*
*Ix-xoghol tal-art, hsid u dris u ġabra,*
*imbagħad qtugh il-gheneb.*
*L-art niexfa*
*donnha tistrih xhin taqa' l-ewwel xita.*
*Iberraq u jrieghed*
*u l-ajrijiet aktarx iġorru l-ilma bnadi ohra:*
*imma flaħħar it-trab jixxarrab*
*u tisma' t-tub jinħall w ir-raba' joqghod, jistrieh, jistenna.*
*Is-sema jbiddel kull hin.*
*Ir-rih isuq sħab iswed fit-truf imewweġ donnu nfix tal-qoton*
*ileqq fix-xemx*
*Fil-jiem bla rih, f'Novembru,*
*fl-ikhal jirghaw ghajburiet żgħar, naqxet il-fekruna.*
*Tlugh u nżul ix-xemx*
*wirja ta' lwien ibiddlu.*
*Kemm-kemm bard;*
*wara, il-ksieħ ta' Marzu.*
*L-oqsma jhaddru bl-ingliża, furrajna, qamħ u silla,*
*hdura qasira,*
*ghax ix-xemx u x-xagħri*
*mhumiex ħbieb l-ilma.*
*Meta kont żghir kont nahseb*
*li l-harifa jsejħulha harifa*
*għax fiha jitwieldu l-hrief.*
*Ir-*rebbiegħa
*kelma tal-poeżija;*
*u xi għannejja taghna*
*ihobbuha l-iżjed mill-erbat iżmna*
*għax mohhhom biss fil-ghana*
*u jitmellhu mill-idija.*

MARCELL MIZZI